Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri Għawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tat-23 ta' Ġunju, 2017.

Appell numru: 10/2013 AE

**Carmel Mifsud** (appellat)

**vs**

**Paul Portelli** (appellant)

1. **Din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' bejgħ ta' proprjeta`.**

2. Fl-**Avviż** tat-13 ta' Awwissu 2013 ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri, l-attur Carmel Mifsud talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' €7,000 rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' bejgħ ta' proprjeta` hekk kif jirriżulta ukoll mill-iskrittura tal-11 ta' Awwissu 2010, bl-imgħax legali ta' 8% mid-data tal-istess kostituzzjoni ta' debitu sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittri interpellatorji, tal-ittri uffiċjali ta' April 2012 u ta' Lulju 2013.

3. Fir-**Risposta** tiegħu tas-16 ta' Settembru 2012 il-konvenut wieġeb biex jgħid li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex:

   (i) in kwantu l-attur qed jibbaża l-pretenzjonijiet tiegħu fuq l-allegazzjoni li l-ammont mitlub minnu jirrappreżenta prezz ta' bejgħ ta' proprjeta`, it-talba tiegħu hija bbażata fuq kawża lleċita u għalhekk ma tistax tintlaqa'; u

   (ii) mingħajr preġudizzju, mhux minnu li għandu jħallas xi ammont lill-attur.

4. Wara x-xiehda ta' mart l-attur Rita Mifsud tas-16 ta' Diċembru 2015 (fejn qalet li l-attur qed jippretendi €5,000 bħala rigal talli tawh żmien ta' sena biex

iħallas) il-konvenut ippreżenta **risposta ulterjuri** fis-26 ta' Frar 2016[1]. Fiha spjega illi l-eċċezzjoni tiegħu li t-talba tal-attur hija bbażata fuq kawża llleċita tapplika mhux biss:

(i) in kwantu t-talba hija għall-ħlas ta' €7,000 bħala rappreżentanti parti mill-prezz ta' proprjeta` mibjugħa meta dak il-prezz ma ġiex dikjarat fil-kuntratt ta' bejgħ relattiv, kif indikat fl-avviż tat-talba;

iżda fid-dawl tal-verżjoni mogħtija mill-mara tal-attur, ukoll

(ii) in kwantu hija bi ksur tal-Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili għaliex l-Artikolu 1139 jipprojbixxi kull ftehim li bih id-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni li jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata ta' flus jiġu kkwantifikati f' ammont li jeċċedi l-imgħaxijiet fuq dik is-somma komputati bit-8% fis-sena.

5. Fis-**sentenza** li ingħatat fil-15 ta' Novembru 2016, il-Qorti tal-Maġistrati:

(i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut (inkluż ir-risposta ulterjuri tiegħu), laqgħet it-talba tal-attur u kkundannat lill-konvenut iħallsu s-somma ta' €7,000 bilanċ ta' prezz ta' bejgħ ta' proprjeta` li seħħ fil-11 ta' Awwissu 2010, bl-imgħax dekorribbli minn sena wara, u cioe` mill-11 ta' Awwissu 2011 sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjeż kif mitluba.

(ii) Peress li irriżultalha li kien hemm sperġur da parti tal-konvenut, hija ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex wara li jwettaq l-investigazzjonijiet neċessarji fir-rigward, jipproċedi fil-konfront tiegħu skont il-liġi.

6. Il-konvenut ħassu aggravat b' din id-deċiżjoni u għalhekk fil-5 ta' Diċembru 2016 intavola **appell** quddiem din il-qorti fejn talabha sabiex tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li (i) tiddikjara li l-attur appellat huwa dovut biss l-ammont ta' €2,000 stante li l-ammont imsemmi fl-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu għandu kawża illeċita u konsegwentement l-iskrittura hija bla effett, u

[1] Risposta ulterjuri tal-konvenut tas-26 ta' Frar 2016, fol 45

(ii) kontestwalment tirrevoka l-provvediment dwar sperġur fil-konfront tiegħu stante li tali sperġur qatt ma ġie kommess.

7. **<u>L-aggravji</u>** tal-konvenut huma s-segwenti:

*<u>L-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu għandha "kawża illeċita"</u>*

(i) Il-konvenut jibda' biex jaċċenna għall-fatt li l-ewwel qorti ikkonkludiet li l-prezz tal-art li huwa xtara mingħand l-attur kien ta' €9,000 u li l-ammont mitlub mill-attur f' din il-kawża jikkonsisti proprju f' <u>bilanċ ta' dan il-prezz</u>. Huwa jargumenta illi l-ammont ta' €9,000 li ġie dikjarat bħala ċert, likwidu u dovut fuq l-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu li saret bejnu u bejn l-attur għandha "kawża illeċita" illi tmur kontra l-ordni pubblika (Art. 987 tal-Kap 12) stante li l-prezz tal-art li ġie dikjarat fil-kuntratt notarili huwa ta' €4,000 u għalhekk it-taxxi relattivi tħallsu biss fuq dan l-ammont. Isostni għalhekk illi l-obbligazzjoni tiegħu naxxenti mill-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu ma tistax tingħata effett.

Jgħid ukoll li l-€2,000 li huwa ħallas mill-prezz ta' €4,000 ma kellhomx jitnaqqsu mill-ammont li kien jifforma parti mill-iskrittura tal-kostituzzjoni tad-debitu kif għamlet l-ewwel qorti. Fl-aħħar parti tar-rikors tal-appell tiegħu jaċċetta li għandu jħallas biss bilanċ ta' €2,000.

*<u>Ma kkommettiex sperġur</u>*

(ii) Isostni wkoll li l-konklużjoni tal-ewwel qorti li huwa kkommetta sperġur hija ferm ażżardata u infeliċi. Jgħid li vojt fil-memorja u inkoerenza fix-xhieda m'għandhomx jitqiesu bħala sperġur. Anzi jsostni li jekk kien hemm xi ħadd li kkommetta sperġur kienu l-attur u martu, illi meta rrinfaċċjati bl-eċċezzjoni tal-kawża illeċita paspru l-istorja li kien hemm rigal minħabba dewmien fil-ħlas.

8. <u>Fil-5 ta' Jannar 2017 l-attur ippreżenta r-**risposta** għall-appell tal-konvenut</u> u qal li s-sentenza tal-ewwel qorti hi ġusta u timmerita konferma u li għalhekk l-

aggravji tal-konvenut appellant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

9. Din il-qorti tagħmel riferenza għall-verbal tal-21 ta' Ottubru 2015 fejn il-partijiet ftehmu li l-provi miġbura fil-kawża fl-istess ismijiet: "*Carmel Mifsud vs Paul Portelli" (4/2014JVC)* (kawża li permezz tagħha l-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu ammont bilanċjali għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni li allegatament għamillu) għandhom jikkostitwixxu wkoll prova f' din il-kawża odjerna (10/2013JVC), u vice versa.

**Provi:**

*Dokumenti eżibiti:*

10. Permezz tal-kuntratt datat 11 ta' Awwissu 2010[2] fl-atti tan-Nutar Christian Zammit, l-attur biegħ lill-konvenut (u lil martu) żewġ porzjonijiet raba' mhux fabbrikabbli magħrufin bħala "*Ta' Venuta*" sive "*Tal-Qortin tar-Ramla*" limiti tan- Nadur, Għawdex (waħda bil-kejl ta' 384mk u l-oħra 411mk) għall-prezz kumplessiv ta' **€4,000** (€2,000 kull biċċa). Fil-kuntratt ġie dikjarat li l-kompraturi kienu diġa ħallsu lill-venditur €500 depożitu fuq il-konvenju, u li kienu qegħdin iħallsu l-kumplament tal-prezz (€3,500) dakinhar stess, u li l-venditur kien qed "*jaċċetta u jħalli debita riċevuta u finali kwittanza a rigward il-prezz intier.*"

11. Permezz tal-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu datata wkoll 11 ta' Awwissu 2010[3], il-konvenut u martu qalu li huma "*veri, ċerti u likwidi debituri*" a favur tal-attur fl-ammont ta' **€9,000**. Ġie miftiehem li tali somma kellha titħallas fi żmien sena, f' liema data (11 ta' Awwissu 2011) issir dovuta immedjatament.

*Verżjoni tal-attur:*

[2] Kuntratt ta' bejgħ datat 11.08.2010, Dok CG1, fol 46-49
[3] Skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 11.08.2010, fol 15

12. L-attur **<u>Carmel Mifsud</u>** fl-affidavit tiegħu[4] qal li l-konvenut kien avviċinah u talbu jixtri biċċa art mingħandu sabiex ikun jista' jibni razzett. Qal li huwa ma kienx kuntent bis-somma li offrielu l-konvenut pero` l-konvenut offrielu li jekk jaċċetta l-prezz li offrielu hu, huwa kien lest li jagħtih <u>rigal</u> fi żmien sena.

*"Huwa qalli li jekk jien kont lest inbiegħ din l-art lilu bil-prezz li offrieli hu, huwa kien lest illi fi żmien sena jagħtini rigal fi flus….Jien ovvjament ma xtaqtx li nibqa' mdendel u ma nitħallas qatt. Għalhekk tlabtu li jkolli xi ħaġa bil-miktub. Għal dan il-għan konna morna għand l-Avukata Monica Vella u għamilna karta li permezz tagħha l-istess konvenut obbliga ruħu li jħallasni fi żmien sena."*

13. Kompla jgħid illi għalkemm għadda ż-żmien baqa' ma ħallsux. Qal li wara li kien interpellah bl-avukat huwa għamel xi pagamenti żgħar pero` imbagħad waqaf għal kollox milli jħallsu.

14. Kontro-eżaminat[5] u mistoqsi jekk jafx li meta n-nutar qralhom il-kuntratt, li l-prezz kien €4,000, huwa wieġeb *"issa bl-amment ma nafx"*. Sostna li minkejja li fuq il-kuntratt ġie dikjarat li l-prezz kien tħallas kollu huma ma ħadu l-ebda flus: *"flus ma kellux"*. Dwar l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu jgħid li dik għamluha fuq suġġeriment tal-avukat tal-konvenut biex meta jirċievi l-fondi tal-Ewropa jieħdu r-rigal.

15. Ikkonferma li wara li sar il-kuntratt kien tħallas xi ħaġa. Qal li l-konvenut kien mar xi tlett darbiet għand il-mara tiegħu fejn kienet taħdem il-Kunsill, u *"tana xi ħaġa"*.

16. Il-mara tal-attur, **<u>Rita Mifsud</u>**[6], fix-xiehda tagħha ikkonfermat li l-konvenut kien ried jixtri l-art mingħandhom biex jagħmel xi razzett. Qalet li kienu ltaqgħu għal dan l-iskop fl-uffiċċju tal-avukat tal-konvenut Dr Monica Vella fix-Xewkija, u li preżenti kien hemm ukoll in-Nutar Christian Zammit. Qalet li dak il-ħin stess il-konvenut kien qalilhom li ma kellux flus u li ma kien ser jagħtihom xejn f' dak l-istadju pero` kien assigurahom illi fi żmien sena kien ser ikun f' pożizzjoni li jagħtihom il-flus għax kien qed jistenna xi fondi ġejjin

[4] Affidavit tal-attur fol 7-8
[5] Kontro-eżami tal-attur, tas-26 ta' Frar 2016, fol 50 et seq
[6] Xhieda tal-mara tal-attur tas-16 ta' Diċembru 2015, fol 35 et seq

mill-EU fir-rigward tar-razzett. Xehdet li fuq suġġeriment ta' Dr Monica Vella żewġha u l-konvenut kienu, fl-istess ħin li ffirmaw it-trasferiment tar-raba, iffirmaw l-iskrittura tal-kostituzzjoni tad-debitu, fejn ftehmu li fi żmien sena l-konvenut kellu jħallas is-somma ta' €9,000.

17. Kontro-eżaminata spjegat illi l-prezz tar-raba kien ta' €4,000 u li għalhekk dan l-ammont ta' €9,000 kien jinkludi rigal ta' €5,000 talli stennewh sena biex iħallashom.

18. Dwar ħlasijiet da parti tal-konvenut, spjegat li hija dak iż-żmien kienet is-segretarja eżekuttiva tal-Kunsill tan-Nadur u li l-konvenut kien jiġi l-uffiċċju biex iħallasha b'ċekkijiet ta' €500 il-wieħed; "*U ġie erba' (4) darbiet, jiġifieri tana elfejn ewro (€2,000).*" Mistoqsija in kontro-eżami fuq iċ-ċekk Dok CG1[7] fl-ammont ta' €2,000, datat 11 ta' Awwwissu 2010, maħruġ fuq isem il-konvenut, qalet li ma kellhiex amment tiegħu u ċaħdet li kien ġie f' idejha. Ġie ikkonstatat waqt id-depożizzjoni tagħha illi n-naħa ta' wara tiegħu huwa vojt.

*Verżjoni tal-konvenut:*

19. Fl-affidavit tiegħu[8] il-konvenut **Paul Portelli** xehed li kien tkellem mal-attur sabiex ibiegħlu xi artijiet viċin ir-razzett tiegħu. Ikkonferma li fil-11 ta' Awwissu 2010 sar il-kuntratt fl-atti tan-nutar Christian Zammit. Qal li "*konna ftehmna fuq il-prezz ta' €4,000. Jien kont diġa ħallast €500 bħala depożitu u €3,500 dakinhar tal-kuntratt.*" Huwa ċaħad li għad fadallu jħallas aktar flus.

20. Kontro-eżaminat[9] pero` huwa qal li ma jafx kemm kien il-prezz tal-biċċtejn art li xtara mingħand l-attur. Qal li huwa jixtri ħafna u l-biċċa l-kbira tal-karti jkunu f' idejn martu għaliex huwa ma jafx jaqra. Qal li jiftakar li l-attur kien talbu €19,000 u kien niżillu xi €2,000. Imbagħad qal, "*emminni ma nafx sewwa kemm niżel.*" Qal li meta kienu marru għand l-avukat tiegħu (Dr Monica Vella) l-attur qallu biex jagħmlu prezz żgħir fuq il-kuntratt: "*...hu*

[7] Kopja ta' ċekk fl-ammont ta' €2000 datat 11.08.2010, fol 40
[8] Affidavit tal-konvenut Paul Portelli, fol 107-110 fl-atti tal-kawża 4/2014JVC
[9] Kontro-eżami tal-konvenut tal-14 ta' Ġunju 2016, fol 62 et seq

*imbagħad qalli, nagħmlulhom prezz żgħir minħabba l-gvern…ried somma, ma nafx kemm ried sewwa imma qalli minħabba l-karti nagħmlulhom prezz żgħir.*" Mistoqsi fuq il-kumplament tal-prezz li kien baqa' huwa qal li kienu għamluh fuq karta. Ikkonferma fil-fatt li kienu għamlu kuntratt u karta: "*…fuq il-kuntratt mod u fuq il-karta l-prezz kollu mingħalija jien.*" Huwa fuq domanda tal-qorti wieġeb li l-prezz tal-art ma kienx €4,000 kif tniżżel fil-kuntratt, iżda kien iżjed.

21. Mistoqsi dwar ħlasijiet li kien għamel, ma kienx ċar fir-risposti tiegħu jekk kienx qed jirreferi għall-ħlas fir-rigward tal-prezz jew fir-rigward tax-xogħlijiet (mertu tal-kawża l-oħra 4/2014JVC). Fil-fatt qal "*…naf li kont tajtu, tajtu xi ħaġa kont deposit u kont tajtu ċekk fuq tlett elef u tajtu ieħor tajtu xi ħamest elef.*" Mistoqsi mill-qorti jekk kienx ħallsu tal-flus tal-għalqa irrisponda "*Dak, emminni, ma nafx x' għamilt. Emminni, ma nafx.*"

**Konklużjoni tal-ewwel qorti:**

22. L-ewwel qorti kkonkludiet li għalkemm fil-kuntratt ta' bejgħ il-prezz tal-biċċtejn raba' kien dikjarat li hu erbat elef ewro (€4,000), **il-prezz effettivament kien ta' €9,000** u li l-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu saret fl-istess jum tal-kuntratt "*sabiex tkopri l-prezz kollu miftiehem bejn il-partijiet għat-trasferiment tal-art*". Qalet li nonostante li l-attur u martu jinsistu li l-€5,000 għandha tiġi kkunsidrata bħala rigal, irriżultalha evidenti li dan l-ammont kien fil-fatt parti mill-prezz ta' €9,000.

23. L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-"kawża illeċita" sollevata mill-konvenut, għaliex irriteniet illi imkien mill-atti ma rriżultalha li l-"*intenzjoni*" wara l-kostituzzjoni ta' debitu (fl-ammont ta' €9,000) u wara d-dikjarazzjoni tal-prezz anqas fil-kuntratt pubbliku (fl-ammont ta' €4,000) kienet li l-attur jevita li jħallas it-taxxa. Irriteniet invece li kien irriżulta biċ-ċar li **kien il-konvenut bl-assistenza tal-konsulent legali tiegħu li kkonvinċa lill-attur li l-atti kif kienu qed jiġu proposti kienu l-aħjar mod sabiex huwa jitħallas u fl-istess ħin huwa (l-konvenut) ikun jista' jipproċedi sabiex jieħu l-**

**fondi mill-Unjoni Ewropea u malli joħodhom iħallas lill-attur**.

24. Peress li rriżultalha li l-konvenut kien diġa' ħallas €2,000, ikkonkludiet li kien għadu debitur tal-attur fis-somma ta' €7,000, rappreżentanti il-bilanċ tal-prezz.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:</u>**

***<u>L-ewwel aggravju</u>: l-allegata "kawża illeċita" tal-obbligazzjoni mertu tal-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu.***

25. Il-qorti tirrileva li:

(a) L-attur ma jirrizultax li xehed li l-prezz kien €9,000. Meta xehed in kontro-ezami qal li l-konvenut kien wegħdu li jagħtih rigal ta' €7,000 kif jirċievi l-fondi mill-Unjoni Ewropa:

*"L-Avukat Carmelo Galea: Imma mhux dik il-mistoqsija, ħu paċenzja bija, taf li n-Nutar, meta qed jaqralkom il-kuntratt qal li l-prezz kien ta erbat elef ewro (€4,000) ?*
*Ix-xhud: Issa bl-amment ma nafx x'kien hemm l-affari u m'hemmx, imma aħna għamilna dik il-karta minn wara li kellu jagħtini dawk is-sebat elef (€7,000) rigal x'ħin jirċievi l-fondi tal-Ewropa".*

(b) L-attrici xehedet li l-prezz kien €4,000 u €5,000 rigal. In kontro-eżami xehedet:

*"Avukat Dottor Carmelo Galea: Jiġifieri intom oriġinarjament ir-raba' kemm kienet ser tinbiegħ ?*
*Xhud: Erbat elef ewro (€4,000).*
*Avukat Dottor Carmelo Galea: Erbat elef (€4,000). U ħa jatikom rigal talli stennejtuh għal sena ta' ħamest elef ewro (€5,000) ?*
*Xhud: Iva.*
*Avukat Dottor Carmelo Galea: Hux hekk ?*
*Xhud: Iva.*
*Il-Qorti: U fuq dawk il-ħamest elef nifhem illi ma ħallastux taxxa hux hekk ?*
*Xhud: Ma jidhirlix.*
*Il-Qorti: Iva jew le ?*
*Xhud: Le, le.*

*Il-Qorti: U fil-kuntratt niżżiltu biss il-valur tal-għalqa għal erbat elef ewro (€4,000) ?*

*Xhud: tal-art, iva. Aħna mxejna mal-parir tal-avukat tiegħu illi kien hemm dak il-ħin. Aħna ma morniex hemmhekk biex ma jatinix il-flus.*

*Il-Qorti: Imma sinjura, kieku ħallsek dakinhar il-prezz kemm kien ?*

*Xhud: Erbat elef ewro (€4,000)"*.

Pero' l-ewwel qorti ddeċidiet li l-prezz tal-art kien disat elef ewro (€9,000), minkejja li fil-kuntratt ġie ddikjarat prezz ta' erbat elef ewro (€4,000):

*"Din il-Qorti tqis li fl-ewwel lok fir-rigward ta' dan l-ammont, huwa nutli li l-attur u martu jinsistu li s-somma ta' ħamest elef Euro (5,000) li minnha ġia tħallset is-somma ta' elfejn Euro (2,000) għandha tiġi kkunsidrata bħala rigal għaliex mill-atti rriżulta evidenti li din kienet il-prezz miftiehem bejn il-partijiet u xejn aktar. Huwa l-istess attur li fl-avviż tiegħu jiddikjara li s-somma dovuta ta' sebat elef Euro (7,000) tirrapreżenta 'bilanċ ta' bejgħ ta' proprjeta' u mhux ħaġa oħra"*.

Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, l-atturi stess fir-rikors promotur talbu s-somma ta' €7,000 *"**bilanċ ta' prezz ta' bejgħ** ta' proprjeta hekk kif jirriżulta wkoll mill-iskrittura tal-11 ta' Awiissu, 2010 bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%)"*. Mela l-atturi stess ħarrku lill-konvenut għall-ħlas ta' **bilanċ ta' prezz**, u fir-rikors promotur ma jissemma l-ebda rigal.

26. Bi prezz ta' €9,000 hemm kawża illecita għaliex il-prezz dikjarat fil-kuntratt kien €4,000. Dan ifisser li parti mill-prezz ġie moħbi, li jwassal għan-nuqqas ta' ħlas ta' taxxa fuq il-prezz kollu. M'huwiex rilevanti għal benefiċċju ta' min tkun saret dikjarazzjoni falza dwar il-prezz tal-oġġett tal-kuntratt. L-atturi kienu jafu li m'hijiex titħallas taxxa li kienet dovuta dakinhar li kien pubblikat il-kuntratt. Mela żgur li ma jistgħux jargumentaw li ma kinux jafu li qiegħed isir xi ħaġa kontra l-liġi. Hu veru li l-konvenut xehed:

*"It-taxxa, issa x'ħin konna ħa niġbru, dawk kien ħa jidhru għax mill-fondi tal-Ewropa. Konna ħa nagħmlu riċevuta x'ħin jagħtihomli dawk li għamilna fuq il-karta. Ma tahomlix, allura ma nistax inħallas taxxa fuqhom"*.

Ovvjament ma jistax ikun magħruf x'kien il-ħsieb tal-atturi kieku rċevew il-ħlas. Għaldaqstant m'hemm l-ebda garanzija li kienu ser iħallsu t-taxxa fuq is-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000). Madankollu jibqa' fatt li b'dak li għamlu

rrendew ruħhom kompliċi mal-konvenut u spiċċaw iffrankaw it-taxxa, kienet x'kienet l-intenzjoni tagħhom. Ta' dan żgur li ma jistgħux jippretendu li jiġu ppremjati. L-atturi messhom ma kkoperawx. Il-qorti tkompli żżid li kieku l-atturi ma kellhomx intenzjoni li jevadu t-taxxa, fil-kuntratt ta' bejgħ kienu jħallsu taxxa fuq il-prezz kollu u mhux fuq parti mill-prezz.

27. F'kull każ il-qorti ma tifhimx x'seta kien 'il bżonn sabiex il-konvenut jirċievi *funds* mill-Unjoni Ewropea, li jiddikjara prezz inqas minn €9,000. Fit-tweġiba tal-appell, l-atturi qalu li: *"Il-fondi tal-Unjoni Ewropea* ***ma jitħallsux fejn jirriżulta li baqa' djun mhux imħallsa u għalhekk l-appellant kellu n-neċessita assoluta li jiddikjara fuq l-att ta' trasferiment li ma kellu ebda ammont dovut lill-esponenti****"*. Pero' jekk dan kien il-bżonn li kellu l-konvenut, m'għandu x'jaqsam xejn ma' dikjarazzjoni fil-kuntratt ta' prezz inqas minn dak realment pattwit.

28. Li hu żgur hu li l-atturi ħadu benefiċċju għaliex taxxa ħallsu biss fuq il-prezz ta' €4,000. F'dan ir-rigward il-qrati diġa kellhom l-opportunita' li jgħidu li fejn hemm parti minn prezz mhux dikjarat f'kuntratt, hemm kawża illecita'. F'dan ir-rigward il-qorti tagħmel riferenza għas-sentenzi:

- **Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri**, ara sentenza tal-Prim'Awla tat-18 ta' Mejju, 1993 (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Novembru, 1996).
- **Emilio Agius et vs Adrian Muscat et**, deċiża mill-Prim'Awla fil-21 ta' Marzu 2017 fejn intqal:-

> *"L-artikolu 987 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:*
>
> *"L-obligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett."*
>
> *"Dan huwa kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri et noe deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Mejju 1993 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell 14 ta' Novembru 1996, fejn intqal illi:*
>
> *"Hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni magħmula b'kawża illeċita u lkawża hija illeċita meta hija projbita mill-liġi jew kuntrarju għall-egħmil xieraq jew għall-ordni pubbliku u l-*

*konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess ġenerali.'*

*"'Il-kwistjoni tal-legalità jew le tal-konvenzjoni minħabba kawża illeċita tista' tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio" (Vol. XLI, P.I, p.684 u p.694).'*

*"Ġie ritenut ukoll illi l-leġislazzjoni ta' natura fiskali hi minnha nfisha ta' ordni pubbliku in kwantu hu preżunt li saret fl-interess komuni. Quando il fatto è illecito, la legge non riconosce alcun alla convenzione; è una obligazione fondata su causa illecita, poichè la causa si confonde coll'oggetto dei contratti; e quando la causa è illecita, l'obbligazjone è inesistente e non può avere alcun effetto (Laurent, Vol XXVII, Para 402).*

*"L-oġġett tal-mandat kien għalhekk illeċitu għaliex kontra l-liġi; jiġifieri kontra d-"Defence (Finance) Regulations, 1942", u l-Qorti rriteniet illi liskop ta' l-inkarigu kien illeċitu u għalhekk ċaħdet it-talba tal-attur kontra l-konvenut għar-restituzzjoni ta' flus (Vol. XXXIV, p.632).*

*"Ara wkoll Vol. XXXII, p. II, p. 574; Vol XXIX, p.III, p. 152 u Vol XXII, p.I, p.193. F'din l-aħħar sentenza ċitata hekk hu stabbilit:*

*"Nessun atto, per quanto liberamenti consentito e talora, ripetuto, e nessun periodo di tempo, per lungo che sia, possono dare efficacia ad un'obbligazione proibita per ragione di ordine pubblico.*

*"Skrittura li toħloq obbligazzjonijiet illeċiti in kwantu jikkontemplaw sitwazzjonijiet li huma projbiti mil-liġi jew kuntrarju għall-ordni pubbliku ma tistax titnissel minnha ebda azzjoni ċivili."*

*"Rigward id-dikjarazzjoni falza fuq kuntratt ta' bejgh ta' valur inqas minn dak reali ghasskopijiet ta' evazjoni ta' taxxa inghad fis-sentenza fl-ismijiet Ronald Azzopardi et vs Mario Galea Testaferrata deciza minn din il-Qorti presjeduta mill-Imhallef Felice fis-17 ta' Marzu 2016:*

*"...l-konvenju mertu tal-kawża huwa dokument vizzjat b'illegalità in kwantu hu maħsub biex jevadi l-liġijiet fiskali u jiddefrawda lill-Gvern Ċivili mit-taxxa dovuta fuq il-valur reali tal-proprjeta."*

*"F'dik is-sentenza il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet illi l-konvenju kien null minhabba ddikjarazzjoni falza tal-valur bl-iskop illi l-partijiet jevadu lligijiet fiskali.*

*"Inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet George Seychell vs Spring Valley Co. Limited deciza minn din il-Qorti presjduta mill-Imhallef Schembri Orland fit-3 ta' Ottubru 2013 illi*

*"...skrittura li tohloq obbligazzjonijiet illeciti in kwantu jikkontemplaw sitwazzjonijiet li huma projbiti mil-ligi jew kuntrarju ghall-ordni pubbliku ma tista' titnissel minnha ebda azzjoni civili."*

*"Din il-linja ta' hsieb giet riaffermata mill-Qorti tal-Appell f'sentenze recentissima flismijiet Angelo u Josephine konjugi Spiteri et noe vs Andrew u Anna Ursola konjugi Cilia et deciza fil-11 ta' Marzi 2016 fejn intqal illi*

*"...bl-iskop car li jevitaw li jhallsu t-taxxa fuq l-ammont shih tal-prezz pattwit u wara li kien thallas il-bqija tal-ammont, dahlu ghat-tieni konvenju tas-17 ta' Frar, 2005, bil-prezz hemm ridott ta' Lm387,275 u dan a skapitu tal-erarju pubbliku u bi ksur car tal-ligi. Dan l-agir kjarament jikkostitwixxi kawza illecita li hija definita permezz talArtikolu 990 tal-Kodici Civili, li jfisser li kawza hija illecita meta hija pprojbita mil-ligi, jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku".*

29. Mill-provi rriżulta li minkejja dak dikjarat fil-kuntratt, mill-prezz il-konvenut ħallas biss is-somma ta' elfejn ewro (€2,000). Fuq din is-somma jirriżulta li l-atturi diġa ħallsu t-taxxa fuq il-qliegħ. Għalhekk għandhom jedd li jirkuprawha mingħand il-konvenut.

*<u>It-tieni aggravju</u>: l-isperġur*

30. Fl-affidavit il-konvenut xehed:

*"Aħna konna ftehmna fuq il-prezz ta' Euro 4,000. Jien kont diġa ħallast Euro 500 bħala depożitu u Euro 3,500 dakinhar tal-kuntratt"* (ara l-atti a fol. 108).

Waqt il-kontro-eżami xehed:

*"Avukat Dr Joseph Grech: Issa inti fl-affidavit għidt, "Aħna konna ftehmna fuq il-prezz ta' erbat elef ewro (4,000)", fl-affidavit tiegħek qed tgħid, "Jiena kont diġa' ħallast ħames mitt ewro (500) depożitu, u ewro tlett elef u ħames mija (3,500) dakinhar tal-kuntratt.*
*Ix-xhud: Jekk inhu hemmhekk hekk hekk, dan għandi ċ-ċekkijiet, ħallast mela eh".*

Kompla jgħid li fir-rigward tal-art li xtara mingħand l-atturi, ma kienx fadallu x'iħallas lill-atturi. Kif qalet l-ewwel qorti, il-provi juru li dakinhar tal-kuntratt il-konvenut ma ħallas xejn. Kien biss wara li għamel pagamenti b'total ta' €2,000. Fil-fatt fir-rikors tal-appell stess qal:

*"Ħareġ ukoll ċar mill-provi illi mill-prezz iddikjarat ta' erbat elef euro (€4,000), l-esponenti ħallas l-ammont ta' elfejn euro (€2,000)".*

Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ma tarax li għandha tvarja l-ordni li tat l-ewwel qorti.

**Għal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell u:**

1. **Tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti.**

2. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni limitatament fir-rigward tas-somma ta' hamest elef ewro (€5,000).**

3. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn ewro (€2,000), bl-imgħax mid-data tal-notifika tal-kawża.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

**(ft.)** Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur